MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 1126/2010

**Topcar Limited (C16503)**

**Vs**

**Robert Cardona**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tas-Socjeta' attrici datat 09 ta' Lulju, 2010 fejn ippremettiet illi:

1. Peress illi s-Socjeta' rikorrenti kriet vettura lill-intimat.

2. Peress illi l-intimat naqas milli jhallas lill-kumpanija rikorrenti dwar din il-kirja.

3. U peress ukoll li tul din il-kirja gew inkorsi diversi multi/citazzjonijiet dwar din il-vettura li kellhom jithallsu mis-Socjeta' attrici.

4. Illi l-ammont dovut lis-Socjeta' attrici mill-intimat dwar is-suespost jammonta ghal seba' mija u erbgha u ghoxrin Ewro u dsatax-il centezmu (€724.19c).

5. U billi l-intimat gie nterpellat biex ihallas dan l-ammont izda baqa' nadempjenti.

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex m'ghandux dan it-Tribunal jikkundannah ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u erbgha u ghoxrin Ewro u dsatax-il centezmu (€724.19c) dovuta kif hawn fuq spjegat.

Bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjez.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 18 ta' Novembru, 2010 fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament, l-azzjoi mertu ta' dina l-kawza hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148(F) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma lkoll infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont reklamat fit-talba m'huwiex dovut;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-kaz.

Bl-ispejjez kontra s-Socjeta' attrici.

Ra l-atti kollha tal-process.

Xehed **Sergio Camilleri** rapprezentant ta’ Topcar Limited li ddikjara illi s-Socjeta` attrici ssewwi vetturi panel beating u spray kif ukoll tikri l-karozzi. Il-konvenut kien klijent li kien isewwi l-karozzi ghandhom. Fil-kawza odjerna pero` kien kera vetturi ghal erba darbiet, ghall-fuel u ukoll ghall-citazzjoni. Illi kien hallas ghal darba minnhom permezz ta’ cekk ta’ wiehed u disghin Ewro (€91) imma dan ma ssarrafx. Kien talbu jmur l-Belt biex jiehdu kafe` dak inhar kien ha c-cekk pero’ nesa c-cheque book ghalhekk ma kienx hallsu. Ghalhekk l-ammont huwa ta’ wiehed u disghin Ewro (€91) tac-cekk mhux imsarraf, erbgha u ghoxrin Ewro (€24) ghall-fuel; mitejn u erbgha u ghoxrin Ewro (€224) ghall-kirja ta’ karozza FDK 702 ghall-sittax (16)-il jum bir-rata ta’ erbatax-il Ewro (€14) kuljum; tlieta u erbghin Ewro u disghin centezmu (€43.90c) kirja ohra ta’ vettura ghal xi hadd li jismu Alex. Tant kien klijent regolari li kien joqghod fuq il-kelma tieghu u anke f’dan il-kaz lanqas ma talab ghall-kopja tal-licenzja ghaliex kien jafdah. Kien hemm ukoll citazzjoni fis-somma ta’ tlieta u ghoxrin Ewro u disghin centezmu (€23.90c). kien hemm is-somma ta’ tlett mija u tmien Ewro (€308) ghall-vettura LEK 74 ghall-kirja ta’ tnejn u ghoxrin (22) jum u kirja ohra ta’ tlett (3) granet tnejn u erbghin Ewro (€42). It-tilwima bdiet ghaliex trakk kien habat gewwa fih hdejn il-hanut u dan kien ried li x-xhud jiddikjara li l-vettura li kienet BMW kienet *total loss*. Pero` dan ma kienx minnu u ma ridx jaghmel xi haga kontra l-ligi u wkoll kien jahdem mal-*insurance* ta’ spiss u ma riedtx jqarraq bihom. In kontro- ezami Sergio Camilleri qal li ma kienx hemm *booking form* ghaliex Robert kien habib. Hu fil-passat gieli kera vetturi u dejjem hallas. Illi din kienet kaz partikolari Robert kien vittma ta’ *hit and run* pero` saru jafu min kien u ghalhekk kienu dahhlu l-*insurance* u peress illi l-karozza ma kinitx *total loss* ma setghax jikteb li kienet *write off.* Meta l-*insurance* taghtu karozza b’xejn waqqaf il-kirja tal-vettura. *Invoices* kien johrog pero` f’dan il-kaz dan kellu kont miftuh, kull darba tohroglu *chit* u jintbghat *statement.*

Xehed il-konvenut **Robert Cardona** li qal li kien hbieb ma’ Topcar Limited. Ikkonferma li kienu habtu gewwa fih. Illi kien inkwieta ruhhu u cempel lil Sergio Camilleri  li gie u qallu li ser jiehu hsieb kollox inlkluz l-*insurance*. Ha l-karozza u tefahha f’xi garaxx Hal Luqa. Kien imbaghad cempel l-*insurance* li ma kienux infurmati bis-sitwazzjoni u lanqas kien ha hsieb li jibghat surveyor. Ikkonferma illi mbaghad kien ha l-karrozza ghand l-agent tal-BMW. F’dawk il-gimghat Sergio Camilleri kien selliflu karozza. Qatt ma tah *invoice* jew indikazzjoni ta’ prezz. Kienu l-agenti tal-BMW li kienu sewwew il-vettura.  In kontro-ezami qal li jista jkun li krielu l-vettura. Ma ftakarx jekk qattx kien hemm ftehim. Kien offfrielu erba’ mitt Ewro (€400) pero’ dan ma accettax u baghtlu kont ta’ disa’ mitt Ewro (€900). Mistoqsi in kontro-ezami kif wasal ghal dak l-ammont il-konvenut ma setghax jghid. Ma jiftakarx kemm il-vettura kera u lanqas dwar dan ic-cekk li ma ssarrafx. Ikkonferma li kien kera diversi vetturi pero` b’liema rata ma jiftakarx.

**Luke Piscopo** prodott mill-konvenut iddikjara illi meta habtu fil-vettura ta’ Robert hu kien mieghu. Kien cempel lill-habib tieghu ghaliex hu ma tantx jiftiehem.  Sergio kien qallu li kien ser jiehu hsieb il-karozza, l-*insuran*ce u sahansitra jsibu min ghamel il-hsara. Kien prezenti meta Sergio kien offrielu l-vettura u jiftakar li ma kienx hemm ftehim.

Illi l-verzjonijiet tal-partijiet huma ghal darba ohra konfliggenti. It-Tribunal jaghmel referenza ghall-kawza  **“Farrugia vs Farrugia”** (P.A. - 24 ta’ Novembru, 1966) fejn intqal li:-

*“Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita’ u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f’kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant”.*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"George Bugeja vs Joseph Meilak"** (P.A.(TM) - 30 ta' Ottubru, 2003) inghad illi:-

*"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku t' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli".*

Illi jidher illi ma hemmx kontestazzjoni illi l-konvenut uza karozza tas-Socjeta` attrici minhabba l-fatt li kien vittma ta' *hit and run*. Illi ghall-ewwel is-Socjeta` attrici kienet ser issewwilu l-vettura imma mbaghad jidher li kien l-agent tal-BMW li sewwielu l-vettura. Illi jidher illi l-kontestazzjoni hija li l-vettura kienet mislufa lilu bhala pjacir u mhux kirja. Illi pero` li huwa stramb illi s-Socjeta` attrici kienet apparti li ssewwielu l-vetturi kienet ukoll tikrilu vettura xi haga li l-konvenut stess ammetta. Ghalhekk it-Tribunal ma jhossx illi huwa kredibbli li operazzjoni kummercjali thalli vettura minghajr hlas f'idejn terz anke jekk huwa habib u klijent regolari ghal tlett (3) gimghat - kif iddikjara il-konvenut. Konvenjentement il-konvenut ma jiftakarx il-kwistjoni ta' cekk li ma ssarrafx, lanqas li kien hemm citazzjoni mhux mhallasa. Illi pero` min-naha l-ohra ma gewx prezentati ebda invoice jew statement bhala prova ta' dak li gie ddikjarat. L-unika prova li ghandu quddiemu huwa x-xhieda ta' Sergio Camilleri fuq naha u fuq in-naha ohra Robert Cardona u l-habib tieghu li kien mieghu dak inhar tal-incident. Robert Cardona kien vag ghal-ahhar u li l-unika kontestazzjoni hi li kien silifielu bhala habib u li pero` min-naha l-ohra ikkonferma li kera diversi vetturi pero` ma jafx b'liema rata u ma jiftakarx jekk qalghax citazzjoni u li ma jiftakarx li kellu dawn il-kontijiet. Fic-cirkostanzi

pero`t-Tribunal ihoss illi l-pozizzjoni tas-Socjeta` attrici hija l-aktar kreddibli. Illi ghahekk it-Tribunal ihoss li ghandu jilqa' t-talba tas-Socjeta` attrici.

**Decide:**

Ghalhekk *arbitrio boni viri* jilqa' t-talba tas-Socjeta` attrici fis-somma ta' seba' mija u erbgha u ghoxrin Ewro (€724) bl-ispejjes kif indikati fl-avviz u bl-imghax mid-data tas-Sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------